**Minuti tal-mitejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2012, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll it-tmin' laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjura Maria Grima |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 279 li saret nhar il-Ħamis, 22 ta' Awissu, 2012, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier Dr Christian Zammit semma li it-tabella li hemm faċċata tal-playing field tista titranġa u tiġi bħal ta Chevaigne. Il-Kunsillier is-Sur Victor Zammit għandu ritratt li għandu jgħaddi lill-Kunsill biex issir tabella bħala. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

Il-Kunsillier Dr Christian Zammit qal li kull *youth exchange* għandhom jiġu imnizzla f'*chart* u kull min jista jattendi jitnizzel fiċ-*chart.* Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha tiġi diskussa aktar fid-dettal.

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma l-attivita li ipproponew l-Inspire fejn qal li il-Kunsill tax-Xagħra għandu jara jekk jistax isir. Is-Sindku qal li l-Inspire għandhom ikellmuna lura.

Il-Viċi Sindku semma li t-Triq San Ġorg Preca kellha issir wara li titlesta l-HOS ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku qal li din it-triq qedgħa fil-lista tat-toroq li għandhom isiru.

Il-Kunsillier Dr Joseph Attard ġibed l-attenzjoni dwar is-*Slow sign* ta' ħdejn il-*playing field.* Is-Sindku qal li dik irridu jagħmluha tat-Transport Malta.

Il-Kunsilliera is-Sinjorina Maria Grima semmiet li fiz-zmien il-festa qiegħed ikun hemm problemi tat-traffiku speċjalment fi Vjal 8 ta' Settembru. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar issuggerixxa li issir one way minn ħdejn il-*playing field.* Il-Kunsill qabel li din il-problema għanda tiġi diskussa aktar fid-dettal.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Il-programm tal-Festival tat-Tin ġie moqri mis-Sindku. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit talab xi kjarifiki dwar it-transport u wara il-Kunsill qabel ma dan il-program.

2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li il-kunċert tal-Milied ser ikun immexxi mill-kor ta Grace Vella *Voce Angeliche* u issa qedgħin ifittxu surmast.

3. Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandha issir il-laqgħa tal-lokalita u għalhekk ippropona li dan isir fl-ewwel weekend ta' Ottubru. Il-kunsill qabel li din issir il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012 fl-10:30am

4. Is-Sindku semma li l-festa tan-Nazzarenu fit-30 ta' Settembru din is-sena ġiet kmieni u il-kunsill ser jorganizza *social gathering* għall-anzjani li ser issir fiċ-ċentru tan-nazzarenu flok fiċ-ċentru taz-żgħażagħ.

5. Is-Sindku semma ittra mingħand Dr Angele Formosa li kitbet lill-Kunsill f'isem is-Sinjorina Audrey Buttigieg fejn Dr Formosa qegħda tallega li il-klijenta tagħha soffrit ksur f'saqqajha fl-attivita Xagħra Rocks. L-avukat tal-Kunsill Dr Carmelo Galea kiteb lura fejn huwa spjega li il-Kunsill ma għandux tort f'dan l-inċident.

6. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit staqsa dwar il-*culvert* li għandu isir fi Triq il-Knisja. Is-Sindku wieġeb li it-tender ħareg u jagħlaq f'28 ta' Settembru.

7. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma il-*culvert* ta' Triq Masri. Is-Sindku wieġeb li il-*culvert* qiegħed imdaħħal fil-pjan tar-rekonstruzzjoni ta' Triq Marsalforn.

8. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar staqsa dwar il-qagħda tal-*quarterly reports*. Is-Sindku wieġeb li dawn qegħdin isiru bil-mod għaliex kien hemm *backlog* mill bidu ta' Jannar 2012 fl-*accounts.*

9. Il-Viċi Sindku semma li x-Xagħra għandha ikollha monument iddedikat lill-Assedju u lill-Madonna tal-Vitorja. Is-Sindku qal li għandu ikun hemm qbil dwar

fejn ser isir il-monument qabel ma jittieħed l-ewwel pass, għalhekk din il-proposta għandha tiġi diskussa aktar fil-fond.

10. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma li fuq l-invit tal-attivita tas-7 ta' Settembru għandna infakkru lill-mistednin biex iġibu il-kuruna.

11. Is-Sindku informa lill Kunsill dwar xi korsijiet li ser isiru fil-jiem li gejjien. Dawn huma:
    - Kors ieħor tal-fjuri, din id-darba decorations tal-Milied minn Jason Curmi
    - Korsijiet tal-kompjuter għall-adulti, applikazzjonijiet mingħand Ġuza Muscat jew Matilde McGuire
    - Kors tal-Bizzilla li ser jerġa jibda. Applikazzjonijiet mingħand Mananni Grima jew Lourdes Borg

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) *Email* mingħand is-Sinjura Maria Psaila, minn Team of KOPIN li ippresentat il-Kopin Newsletter '*Raising Awarness for Development Cooperation'* hija titlob li inqassmu din in-newsletter lil ħaddieħor. Il-Kunsill innota l-kontenut.

2) *Email* mingħand is-Sur Ian Paul Bajada, Segretarju, Reġjun Għawdex dwar seminar bit-tema '*Enhancing Youth Voluntary Work to Promote Active Ageing and Solidarity between Generations'* li ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru fil-Ministeru għal Għawdex. Dan is-Seminar qed jiġi organizzat bħala parti mill-*Annual General Meeting* tal-*European Regions for Youth.* Huwa jitlob li jekk jkun ser jattendi xi ħadd jinforma lis-Sur Bajada. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3) *Email* mingħand is-Sinjura Marie-France Mailhos, mill Kunsill ta' Chevaigne fejn tinforma lill Kunsill dwar id-dettalji tal-wasla tagħhom fix-Xagħra. Il-Kunsill innota li din ġiet deċiza aktar kmieni fil-laqgħa.

4) *Email* mingħand il-Kunsillier Dr. Joseph Attard dwar skema li il-Green MT għandhom mal-Kunsill tal-Għasri fuq il-gbir tal-iskart tal ħġieg u jekk din tapplikax għal kunsill tax-Xagħra. Il-Kunsill iddeċċida li għandna naraw jekk il-kuntrattur tal-Kunsill joffrix skema simili.

5) Ittra mingħand Fr Mark Bonello fejn jirringrazzja lis-Sindku u lill Kunsillieri tal-għajnuna li irċieva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6) *Email* mingħand is-Sinjura Liliana Camilleri, Manager Administration max-Xarabank Team, fejn tinforma lis-Sindku li il-program ta Xarabank ser jibda jiddedika parti mil-ħin għal-lokalita differenti kull ġimgħa. Hi titlob li issir laqgħa

biex jiġu diskussi id-dettalji. Is-Sindku qal li ser jirriserva id-data 17 ta' Novembru u li għandna nikomunikawha fil-flyer lir-residenti tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel li dan isir.

7) Ittra mingħand Sr. Michela Calleja fejn titlob li il-Kunsill flimkien mal-kor 'Santa Klara ta'Assisi' jorganizzaw ħarga edukattiva għat tfal ġewwa Malta. Hi titlob li il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tat-transport li jammotta għal €120. Il-Kunsill qabel li dan isir.

8) *Email* mingħand Luca Lombardi tas-Sweden Emilia Romagna Network (SERN) biex jinforma lill Kunsill li ser ikun hemm progett *Thematic Network on Europe 2020* dwar l-oggettivi ta EU2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

9) *Email* mingħand is-Sinjura Sarah Spiteri, tal-Malta Philharmonic Orchestra biex tinforma lill-Kunsill li il-proposta tal-Kunsill ġiet aċċettata u li l-Orchestra ser tagħmel kunċert il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2013. Titlob biex minn naħħa tal-Kunsill ngħidluha jekk din id-data hiex tajba. Il-Kunsill qabel li id-data hi tajba.

10) *Email* mingħand is-Sur Clifford Vella fejn jistaqsi jekk il-Kunsill għadux interresat jixtri xi kopji tal ktieb bl-isem "Leggendi, Misteri u Għajdut mill-Ġzejjer Maltin. Il-Kunsill qabel li jinxtraw zewg kopji.

11) *Email* mingħand is-Sinjura Serena Landi dwar il-progett *Go Green* fejn tistaqsi lill-Kunsill jekk hemmx interess li nipparteċipaw f'dan il-proġett li jittratta dwar il-qgħad u l-emigrazzjoni minn inħawi rurali. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw.

12) *Email* mingħand is-Sinjura Lois Cox tal Voodoo Gurus fejn titlob li ikun hemm stage u PA system tajba għal l-attivita tal-Festival tat-Tin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13) *Email* mingħand is-Sur Reuben Said tat-Transport Malta dwar ilment li irċieva fuq il-bus stop "Pergla Masri 322" fejn jitlob lill-Kunsill jagħti il-kunsens tiegħu biex titmexxa din il-bus stop. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

14) *Email* mingħand is-Sinjura Konstantina Toli, Alter Aqua Coordinator, GWP-Med dwar workshop li ser isir fuq Water Management. Hi titlob li il-Kunsill jinnomina xi ħadd biex jattendi għal din il-laqgħa. Is-Sindku is-Sur Joseph Cordina ser jattendi għal din il-laqgħa.

15) *Email* mingħand is-Sinjura Eleanor Ciantar, Manager-Naturalment Malta, mill-MRRA fejn tinforma lill-Kunsill li it-talba għal-finanzjament għall-Festival tat-Tin 2012 ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16) *Email* mingħand is-Sur Eric Butler dwar ħajt li inbena fi Triq Gajdoru fejn jitlob li il-Kunsill jibgħatlu bil-miktub li dan il-ħajt ma inbenix mill-Kunsill. Huwa jitlob li jingħata il-permess biex iwaqqa dan il-ħajt u jibnieħ fejn kien originaljament. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu diġa tkellem verbalment mas-Sur Butler.

17) *Email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar invit li ircevew mingħand il-Maltese Confederation of Women's Organisations dwar Digital Video Conference li ser issir fl-Ambaxxata Amerikana f' Ta Qali fis-26 ta' Settembru. Minn jixtieq jattendi għandu jikkuntaja lil MCWO. Il-Kunsill innota l-kontenut.

18) Ittra mingħand l-Avv. Angele Formosa, f'isem is-Sinjura Audrey Buttigieg, fejn titlob li il-Kunsill irressaq għal-likwidazzjoni tad-danni tal-inċident li kienet soffriet fi żmien l-attivita Xagħra Rocks. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li din ġiet diskussa aktar kmieni fil-laqgħa.

19) Ittra mingħand is-Sur Joe Sultana, mill-kumpanija t-Teatru l-Antik li ser itella' il-kummiedja "Sibt il-Karnival ta'Sena Wara" b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, fejn jitlob l-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill wara li iddiskuta din it-talab u invista li din hija attivita kulturali, il-Kunsill qabel li jingħata €200 għal din l-attivita.

20) Ittra mingħand is-Sur Joseph Masini mill-JP2 Foundation fejn jipproponu lill-Kunsill biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill isir marċ fit-toroq tax-Xagħra biex niċċelebraw is-sitt anniversarju minn meta ġie żvelat il-monument nazzjonali iddedikat lil Papa Gwanni Pawlu II. Hu jitlob lill-Kunsill ikopri parti mill-ispejjeż. Il-Kunsill iddeċida li ma jilqax it-talba.

21) Ittra mingħand is-Sur Victor Hili, Direttur, Road Construction Ltd li jinforma lil-Kunsill li ser jibda xogħol ta reħabilitazzjoni tal-miżbla tal-Qortin. Dan jinvolvi ġar ta' numru kbir ta' viġi ta-materjal bejn il-Qala u il-mizbla tal-Qortin. Għalhekk qiegħed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill biex jgħaddi minn xi triqat fix-Xagħra. Il-Kunsill huwa tal-opinjoni li għandhom jinstabu toroq jew mezzi alternattivi li ma joħolqux inkonvenjenza għar-residenti.

**Ilmenti**

1. Ilment mingħand il-Viċi Sindku biex Transport Malta jestendi is-servizz tal-Arriva f'partijiet oħra tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntatjaw lil Transport Malta dwar il-possibilta li jingħata dan is-servizz.

2. Ilment mingħand il-Kunsillier Victor Zammit li semma li għal lezzjonijiet taz-Zumba mhux qed ikun hemm dawl. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ikuntatjat is-surmast.

3. Ilment mingħand il-Kunsillier Victor Zammit li semma li fi Triq Guzeppi Grech għandu isir *speed hump* minħabba li qiegħed ikun hemm sewqan eċċessiv bil-muturi f'din it-triq. Il-Kunsill iddeċida li għandna nirreferu dan il-kaz lill-pulizija.

4. Ilment mingħand il-Kunsillier Victor Zammit li qal li quddiem Triq Għajn Xejba l-ilma li jiġi mill Kortoll qiegħed jinzel fil-wied u qiegħed jieħu il-ħamrija ta xi egħlieqi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu imur fuq il-post biex jara' eżatt x'inhi il-problema.

5. Ilment mingħand il-Kunsillier Victor Zammit li qal li fi Triq San Marzjal hemm ħajt li ser jaqa' għax imbuzzat il-barra. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu lil xi ħadd biex jiċċekja x'hemm bzonn eżatt.

6. Ilment mingħand il-Kunsillier Victor Zammit li qal li il-Kunsill għandu jikkommemora il-200 sena tal-qerda tal-pesta minn ġo Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandha issir ċeremonja u għandna ukoll inkellmu lil-Heritage Malta.

7. Ilment mingħand il-Viċi Sindku li qal li ma hemm l-ebda indikazzjoni dwar il-Gebla ta' Sansuna. Il-Kunsill qabel li għandna nikkuntatjaw lil Heritage Malta dwar dan.

8. Ilment mingħand il-Viċi Sindku li qal li għandna inkellmu lil Heritage Malta dwar il-kapella tal-Madonna Guardorum. Il-Kunsill qabel li dan isir.

9. Ilment mingħand il-Viċi Sindku li semma li il-bankina li tinsab quddiem Block C fi Triq Gajdoru trid tiġi irrangata. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

10. Ilment mingħand il-Viċi Sindku li qal li għandha issir xatba fil-belvedere ta' ħdejn iċ-ċimeterju. Il-Kunsill qabel li ix-xoghol isir.

11. Ilment mingħand il-Viċi Sindku li talab li il-bank li kien inqala fuq ir-riħ ta' Calypso jerġa isir. Il-Kunsill qabel li jilqa' it-talba.

12. Ilment mingħand il-Viċi Sindku biex fi Triq Jannar ħdejn ir-residenza ta Kelina Sultana isir ftit *patching* bis-*cement.* Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

13. Ilment mingħand Lino Muscat, li joqgħod fi 14,Triq l-Ispiera li talab li (1) jiġi estizz is-sinjal isfar li hemm fi Triq l-Ispiera u li (2) titneħħa biċċa bankina li hemm quddiem il-propjeta tiegħu. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talbiet.

14. Ilment mingħand il-Viċi Sindku biex isiru sinjali sofor madwar il-garage ta 31, Triq Frangisk Camilleri. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

15. Ilment mingħand Charlie Theuma dwar bozza fi Triq Gajdoru. Is-Sindku għandu jiltaqa' mal-kuntrattur biex juriħ ezatt fejn qedgħa din il-bozza.

16. Ilment mingħand Lawrence Formosa li joqgħod 6, Triq tal-Qacca, fejn jitlob sabiex issir tabella SLOW ftit 'il fuq mir-residenza tiegħu fit-Triq tal-Qaċċa peress li qed ikun hemm ħafna sewwieqa isuqu bl-addoċċ f'din l-*area*. Il-Kunsill iddeċida li jgħaddi dan il-kaz lil-Transport Malta.

17. Ilment mingħand Carmel Azzopardi li joqgħod Dar t’Għalliem, Triq San Kurunatu, Nadur fejn jitlob sabiex jitrangaw urġentament xi ħitan imwaqqgħin għat-triq li hemm f'għalqa fil-wied tar-Ramla. Dawn il-ħitan kienu waqgħu bil-maltemp li kien għamel fix-xitwa li għaddiet. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

18. Ilment mingħand Margaret Fenech li toqgħod Margaret, Triq Ġnien Xibla fejn titlob sabiex titranga l-bankina tar-residenza tagħha fi Triq Ġnien Xibla faċċata ta' Triq Għonqa. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

19. Ilment mingħand Joe Agius li joqgħod NB, Triq Ġuzeppi Grech fejn jitlob sabiex issir: (a) tabella 'no parking' jew 'tow zone' madwar l-iskip li hemm f'tarf Triq Ġuzeppi Grech jew (b) sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar ma' naħħa waħda tat-Triq. Il-Kunsill iddeċida li l-kaz għandu jiġi irreferut lil Transport Malta.

20. Ilment mingħand Maria Attard li toqgħod Our Lady of the Prairie, Triq Ġuzeppi Bajada fejn titlob sabiex urġentament jinqata' n-niġem fi Triq Ġuzeppi Bajada u jsir siment mal-bankina tagħha biex ma jibqax jikber. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

21. Ilment mingħand Mary Sultana li toqgħod 116, Triq Ġnien Xibla fejn titlob biex jinzebgħu kaxxi tal-parking: (a) fi Triq Ġnien Xibla (minn quddiem id-dar tagħha - tat-Twice - sa fejn in-niċċa tal-Madonna quddiem id-dar tal-Ħajbu) u (b) matul Vjal it-8 ta' Settembru. Din it-talba qed issir biex kulħadd jipparkja b'mod korrett ħalli ma jinħeliex spazju zejjed. Il-Kunsill innota l-ilment.

22. Ilment mingħand Mikelina Sultana li toqgħod 1, Triq Jannar fejn titlob sabiex issir rampa bis-siment mad-dar tagħha halli tkun tista' tidħol u toħrog faċilment fir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

23. Ilment mingħand Annunziata McNeeney li toqgħod Erbgħa ta’Lulju, Triq Kortoll fejn titlob sabiex issir bankina jew qlugħ tal-ilma għad-dar antika li kellha u li tinsab ħdejn ir-residenza attwali tagħha fi Triq Kortoll. Il-Kunsill qabel li jara x’hemm bżonn eżatt.

24. Ilment mingħand Carmel Refalo li joqgħod 55, Triq it-28 ta’ April 1688 fejn jitlob sabiex jingħata ftit siment f'passagg pubbliku fl-inħawi ta' Ghajn Xejba. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

25. Ilment mingħand Tarcisio Cremona li joqgħod Tas-Srug Tarsons Properties, Triq Srug minħabba li: (a) qed izomm ħafna ilma tax-xita quddiem ir-residenza tiegħu

fi Triq Srug (b) il-culverts li hemm fit-triq qed ikunu mimlijin ħmieg bil-konsegwenza li qed jinsteddu meta tagħmel ħafna xita u (c) hemm għalqa fit-triq taċ-ċimiterju mingħajr xatba bil-konsegwenza li meta tagħmel ix-xita, il-ħamrija li jkun hemm fl-għalqa qed tingarr mill-ilma u tispiċċa quddiem ir-residenza tiegħu. Ir-resident qiegħed għalhekk jitlob sabiex isir ftit tarmak quddiem id-dar ħalli l-ilma ma jibqax izomm, jitnaddfu dawn il-culverts u issir xatba mal-imsemmija għalqa. Il-Kunsill iddeċida li x-xatba issir u li l-culverts jitnaddfu. Dwar it-tarmac għandu jiġi iċċekjat x'hemm bżonn ezatt.

26. Ilment mingħand Francis Cremona li joqgħod 41, Triq in-Naggara, Xewkija fejn jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jagħtiħ 'no objection' ħalli jkun jista' japplika għall-permess tal-meter temporanju għal sitt xhur bi prova ma gabbana tal-pastizzi li qiegħed jarma ħdejn l-għar ta Kalipso. Wara diskussjoni twila il-Kunsill ħa vot siġriet u kien hemm erba' voti kontra, żewġ voti favur u astenzjoni, u għalhekk it-talba ma gietx milqgħuha.

27. Ilment mingħand Francis Grech li joqgħod 22, Triq Għajn Qamar fejn jitlob sabiex urġentament jitnaddaf culvert tal-ilma li hemm ħdejn ir-residenza tiegħu fi Triq Ghajn Qamar. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

28. Ilment mingħand Joseph Vella li joqgħod 22, Triq Mikiel Farrugia sabiex jinbena ħajt imwaqqa' fl-inħawi ta' Bezzun Baw. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

29. Ilment mingħand Tarcisju Zammit li joqgħod 15, Triq Għajn Lukin fejn jitlob sabiex issir tabella ħalli ma jsirx rimi ta' terrapin fit-tarf ta' Triq is-Srug. Il-Kunsill qabel li għandu jitnaddaf il-ħmieġ u issir it-tabella.

30. Ilment mingħand Victor Refalo li joqgħod NB, Triq Santa Verna fejn jitlob sabiex titwahhal bozza gdida mat-tarf ta' Triq Santa Verna. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

31. Ilment mingħand Mary Lourdes Formosa li toqgħod 89, Triq L-Imqades fejn titlob li jinbena ħajt imwaqqa' għat-triq fl-inħawi tal-Fajdas (Tafla). Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

32. Ilment mingħand Michelina Borg li toqgħod 12, Triq l-Ispiera fejn iġġedded it-talba tagħha sabiex isir culvert tal-ilma li jibda minn ħdejn ir-residenza ta' Peter Curmi fi Triq l-Ispiera għal Triq Knisja. Il-Kunsill iddeċida li jzomm l-istess deċizjoni tat-talba ta qabel.

33. Ilment mingħand Marita Zammit, f'isem ir-residenti li joqogħdu fi Triq ta' Stellini, li toqgħod L'Arco Baleno, Triq Stellini fejn tgħid (a) hemm ammont ta' nies li qed ipoġġu ż-żibel tagħhom quddiem id-djar ta' ħaddieħor f'ħinijiet li fihom ma jingabarx skart; (b) hemm ammont ta' nies li qed joħorgu l-klieb tagħhom u jħalluhom iħammgu mal-bibien tad-djar tan-nies bla ma jiġbru l-ħmieg u (c) hemm sewqan eċċessiv minn xi sewwieqa f'din it-triq. Il-Kunsill iddeċida li dwar

iz-zibel u il-klieb għandha tinbagħat ittra u dwar is-sewqan għandom jiġu infurmati il-pulizija.

34. Ilment mingħand Michel Angelo Xerri li joqgħod Palma Ta’ Cades fi Triq Sant’ Anton fejn jitlob sabiex titranga rampa bis-siment li hemm fl-inħawi ta' San Marzjal. Din ir-rampa tintuza mill-bdiewa biex jidħlu fl-għelieqi tagħhom. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

35. Ilment mingħand Francis Sultana, li joqgħod, Tal-Pajjukk, Triq tal-Qaċċa, fejn jitlob sabiex titranga rampa fil-Wied ta' Bezzun Baw / Wied ta' Zejta. Huwa qal li jekk il-Kunsill jipprovdi il-materjal jagħmel ix-xogħol hu. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

36. Ilment mingħand Joe Cordina f’isem xi residenti sabiex titranga Triq il-Wied tal-Għejun bis-siment. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

37. Ilment mingħand Eucharist Sultana, li joqgħod 94, Triq Sant’ Anton fejn jitlob sabiex jitnaddaf gandott ezistenti tal-ilma fl-inħawi ta' Ħamet. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

38. Ilment mingħand Andrew Agius, li joqgħod 59, Triq 28 ta’ April 1688 fejn jitlob sabiex tinzabar ħarruba li hemm fi sqaq fi Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill iddeċida li għandna napplikaw għall permess.

39. Ilment mingħand Francis Mercieca, li joqgħod Francon, Triq Marija Bambina fejn jitlob li jinzabar il-palm li hemm fil-ġnien ta' quddiem il-Mitħna. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

40. Ilment mingħand Joe Cordina, f’isem xi residenti sabiex titnaddaf ġradilja tal-ilma ħdejn il-kamra taċ-Ċiċru fi Triq Ghajn Xejba. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

41. Ilment mingħand Josephine Sultana, li titlob sabiex: (a) tinzabar il-buganvilla li hemm mar-residenza tal-aħwa Said (taċ-Ċejċen) fi Triq Jannar u (b) tinzabar ir-rummiena li hemm fi Triq l-Arc. Guzepp Diacono wara l-ħanut Georgeanne Store. Il-Kunsill iddeċida li jilqa it-talba.

42. Ilment mingħand Casimiro Sultana, li joqgħod 8, Triq it-Tigrija, fejn jitlob li titranga rampa bil-konkos fl-inħawi ta' Għajn Xejba. Din ir-rampa tagħti għat-triq u minnha jgħaddu l-bdiewa biex jidħlu fl-għelieqi tagħhom. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

43. Ilment mingħand l-ispiggolatriċi, fejn jitolbu li titranga fossa li qed taqgħa faċċatta tad-dar tagħhom fi Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

44. Ilment mingħand Neriku Cefai, tal-Public Cleansing Department, biex titranġa kanna tal-poġġaman li hemm ħdejn l-Għar ta Calypso. Il-Kunsill għandu jinforma

lill-Public Cleansing Department li dan il-poġġamon ma jaqax taħt ir-responsabilita tal-Kunsill.

45. Ilment mingħand Emanuel Portelli li joqgħod fi Triq Ġnien Imrik biex hemm rampa fi triq Għajn Xejba li trid tingħata il-konkos. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-9.30 p.m. Il-Kunsill iddeċċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Tlieta 30 ta' Ottubru 2012 fil-5.30 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Segretarju Eżekuttiv**